MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 199/2003/1

**Dr. Chris Cardona**

**vs**

**Dr. Eddie Fenech Adami**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta’ April, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-7 ta’ April, 2003 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut illi:

(1) prevja d-dikjarazzjoni illi waqt Dibattitu Politiku trasmess fuq Radju RTK u Radju Malta (PBS) nhar il-5 ta’

April, 2003, ghamel u xandar allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur bil-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku, meta allega fost ohrajn, li l-attur kien wiehed minn grupp ta’ persuni fil-Partit Laburista li kienu favur shubija shiha fl-Unjoni Ewropea, u konsegwentement mar kontra l-*policy* dikjarata ta’ l-istess Partit Laburista;

(2) ihallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiffissa bhala danni u riparazzjoni tal-malafama b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagamanet effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Preliminarjament, illi l-allegazzjonijiet imputati lill-konvenut mhumiex precizi.

Fil-meritu, illi d-diskors imxandar tal-konvenut jammonta ghal ‘fair comment’ dwar fatti sostanzjalment korretti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-verbal tal-15 ta’ Frar, 2005 fejn il-konvenut iddikjara illi huwa mhuwiex ser joffri d-deposizzjoni tieghu f’din il-kawza, l-Qorti jidhrilha illi hemm provi bizejjed sabiex tiddeciedi l-meritu fid-dawl tal-kontestazzjoni maghmula mill-istess konvenut.

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta’ April, 2003 sar dibattitu politiku mxandra fuq il-PBS u l-RTK bejn il-konvenut u Dr Alfred Sant. Dan id-dibattitu sar hamest ijiem qabel Elezzjoni Generali. Fost id-diskussjoni l-konvenut semma illi kien hemm xi whud fil-Partit Laburista mmexxi minn Dr

Sant illi ma kinux qeghdin jimxu skond il-*policy* dikjarata tal-Partit Laburista ta' dak iz-zmien. Il-konvenut semma lill-attur bhala wiehed minn dawn it-talin.

Skond it-*transcript* a fol. 17, il-konvenut jghid, "Chris Cardona favur li Malta tidhol fl-Ewropa qal quddiem in-nies fil-pubbliku." Dina ma kinitx l-ewwel darba illi l-konvenut semma lill-attur f'dan il-kuntest. Fix-xhieda illi ta l-attur, qal illi l-konvenut semmiha darba fil-Parliament, fejn allura kien protett mill-privilegg parlamentari, semmiha wkoll waqt Mass Meeting fi Psaila Street, Birkirkara u f'din ic-cirkostanzi fuq ir-radio. Fl-istess bidattitu fuq insistenza ta' Dr Sant biex isemmi aktar nies, il-konvenut wiegeb, "Is … biex imbaghad immorru ghall-Elezzjoni u ma jitlax."

L-attur qed ihossu malafamata b'dan id-diskors peress illi huwa kien jokkupa l-posizzjoni ta' kelliem ta' l-Opposizzjoni fuq l-Affarijiet Barranin u peress illi l-konvenut kien qed ixandar ismu biex ma jitlax fl-elezzjoni li jmiss. Fix-xhieda tieghu l-attur imputa certa kliem lill-konvenut fis-sens illi ma riedx isemmi aktar nies illi huma favur l-Ewropa biex ma jsirilhomx hsara. Fit-*transcript* esebit mill-attur, imkien ma hemm imsemmi illi l-konveut ried jaghmel xi hsara lil xi hadd. Hemm biss dak l-ahhar diskors fuq imsemmi fejn il-konvenut jghid biss illi ma jridx isemmi aktar nies biex ma jitilfux l-oppontunitajiet taghhom fl-elezzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-konvenut eccepixxa illi l-kummenti minnu maghmula huma *fair comment*. Il-Qorti pero' trid tanalizza dan il-kaz b'mod differenti. Dan l-ghaliex il-protagonisti f'din il-kawza huma zewg persuni rinomati fil-qasam politiku tal-pajjiz u ghalhekk id-diskors tal-konvenut irid jigi nkwadrat fil-kritika illi politikant ghandu jissaporti fil-hajja politika tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrikorri ghall-kawzi moghtija mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet <u>Lingens vs Austria</u> (1986) fejn inghad, "Freedom

of the press … affords the public one of the best means of discovering informing an opinion of the ideals and attitude of political leaders, more generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails through the convention;
The limits of acceptable criticism are accordinly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scutiny of his every word and deed by both journalists and public at large …"

L-istess inghad fil-kawza <u>Oberschlick vs Austria (1991)</u>. "The limits of acceptible criticism are accordingly wider with regard to a politician acting in his public capacity than in relation to a private individual. The former inevitalbly and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed … and he must display a greater degree of tollerance …"

Dan it-taghlim gie segwit ukoll minn gurisprudenza lokali fil-kawza fl-ismijiet <u>Vincent Borg vs Victor Camilleri et</u> Appell Civili deciz fit-8 ta' Novembru, 1994 u <u>Perit Duminku Mintoff vs Dr. J. Brincat et</u> deciz fit-8 ta' Jannar, 2001.

Fil-kawza <u>Anglu Fenech et noe vs Carmel Callus et</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Frar, 1994 fejn il-Qorti ta' l-Appell kienet aktar specifika meta qalet li politici, entitajiet politici u *trade unions* kellhom ikunu aktar tolleranti lejn il-kritika, hemm libell biss jekk il-kummenti jkunu ntollerabbli.

Ghalhekk, din il-Qorti trid tghaddi biex tevalwa d-diskors tal-konvenut u safejn dan jista' jinghad illi huwa ntollerabbli fil-kuntest politiku illi nghad.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tirrealizza illi d-dibattitu sar fi zmien vicin hafna ta' Elezzjoni Generali fejn il-kwistjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet tiffigura prominentement fuq l-agenda tal-partiti politici kollha illi kienu qeghdin jikkontestaw l-elezzjoni.

Filwaqt illi l-Partit Nazzjonalista, mmexxi mill-konvenut kien favur id-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea, l-Partit Laburista li tieghu l-attur huwa membru attiv kien kontra. Ghalhekk, id-diskors tal-konvenut kien fil-kuntest politiku ta’ dak iz-zmien u hawnhekk qed jallega illi avversarju politiku tieghu ma kienx qed jaqbel mall-*policy* dikjarata tal-partit tieghu stess.

Il-Qorti sa’ hawnhekk ma tara xejn intollerabbli peress illi mhijiex xi haga kbira li membru ta’ partit ma jkunx jaqbel ma’ xi *policies* ta’ l-istess partit pero’ b’daqshekk ma jfissirx li ma jkunx sejjer isegwihom.

Meta partit ikun qed jifformola *policies*, dawn jigu sottmessi ghad-diskussjoni u jkun hemm min jaqbel u jkun hemm min ma jaqbilx. Fl-ahhar tittiehed decizjoni u kulhadd isegwi dik il-*policy*, pero’ b’daqshekk ma jfissirx illi min kien kontra dik il-*policy* m’ghandux id-dritt illi mqar privatament jesprimi l-opposizzjoni tieghu. Ghalhekk, f’dan il-kaz billi l-konvenut allega illi l-attur kien favur id-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea, ma jfissirx illi b’daqshekk l-attur kien sejjer jaghmel xi hsara lill-partit tieghu b’dikjarazzjonjiet simili fil-pubbliku. X’jaghmel fil-privat hija affari tieghu personali u la l-konvenut u lanqas il-partiti politici ma ghandhom jindahlu.

Minn naha l-ohra, l-attur qal ukoll illi bid-dikjarazzjoni illi ghamel il-konvenut kompla ngurjah meta qal illi ma riedx isemmi aktar nies illi kienu kontra l-*policy* dikjarata tal-partit biex ma jaghmlilhom hsara. Bir-rispett, mit-*transcript* esebit mill-istess attur dan id-diskors ma jirrizultax., avolja jista jkun hemm xi accenn meta l-konvenut qal illi ma riedx itellef l-opportunitajiet ghall-elezzjoni.

Anki hawn, il-Qorti ma tara xejn intollerabbli. Il-kumment tal-konvenut irid jitqies fil-kuntest politiku tieghu fi zmien daqshekk vicin ta’ Elezzjoni Generali fejn partiti politici jipprogettaw ruhhom bhala l-ahjar ghazla ghall-pajjiz u juzaw kwalunkwe mezz konsentit, inkluz kummenti illi huma offensivi lejn il-partit l-iehor, basta dawn ma jaqghux taht il-limiti ta’ ntolleranza illi f’dak il-kaz il-partit jew min

ikun ghamel dak id-diskors ikun soggett ghall-kritika (ara wkoll L-Onor. Dr Joseph M Fenech vs Louis Cauchi et deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar, 2002).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti jidhrilha li l-kummenti maghmula mill-konvenut ma jeccedux il-limiti ta' tolleranza li politikant ghandu jissubixxi u ghalhekk ma jidhirlux li d-diskors tal-konvenut kif riportat fit-*transcript* a fol. 17 tal-process huma libelluzi fil-konfront ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha fuq il-bazi ta' dawn iz-zewg obbjezzjonijiet:-

(1) Il-fatt li l-konvenut ghazel li ma jressaqx provi kellu jwassal lill-ewwel Qorti biex din tiddeciedi adezivament ghall-istanza ta' l-attur;

(2) Barra minn dan, dik l-istess Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet, fattwali u legali, zbaljati dwar l-unika difiza tal-"*fair comment*";

Fil-qosor, din il-Qorti tibda biex tiddisponi mill-ewwel ilment ta' l-appellant bil-mod li jsegwi. Certament, l-ewwel Qorti, ankorke ma kienetx mghejjuna mill-fatt illi l-konvenut ma xehedx jew ma ressaqx provi in sostenn tad-difiza tieghu, ma kellhiex, ghaldaqshekk, tghaddi biex awtomatikament takkolji t-talba ta' l-attur. Hi kellha, ghall-formazzjoni u konvinciment taghha, tgharbel l-elementi probatorji l-ohra akkwiziti fil-process. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' prova fornita minn xi parti jekk din, fil-hsieb tal-Qorti adita, kapaci tipprovdi elementi favorevoli lill-kontroparti. Anke fejn konvenut ikun fi stat kontumacjali hu principju ben segwit illi tali stat ma jfisserx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Il-gudikant, anzi, hu fid-dmir li

jindaga u jiddeciedi jekk it-talba hijiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Ara a propositu sentenza fl-ismijiet “**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**”, Qorti tal-Kummerc, 24 ta’ Novembru 1934;

In bazi ghal dak li ntqal ma jidherx li jista’ jitqies censurabbli l-fatt li l-ewwel Qorti, anke fic-cirkustanzi pervenuti, ghaddiet biex tinvestiga u tiddeciedi, kif kien hekk minnha aspettat, il-fondatezza tal-meritu tal-kaz u l-legittimita` tal-pretensjoni tat-talba ta’ l-attur. Jekk imbaghad din l-investigazzjoni taghha saretx sew jew le din hi materja li tikkoncerna l-meritu tat-tieni aggravju. Evidentement, pero`, l-ewwel ilment huwa nsostenibbli;

In linea preliminari, u b’ introduzzjoni ghat-tieni ilment, jibda biex jigi osservat illi wkoll, f’ materja ta’ responsabilita` civili f’ kawza ta’ libell, ir-rikostruzzjoni tal-fatti, il-valutazzjoni tal-kontenut tad-diskors jew l-istampat denunzjat, l-accertament in konkret ta’ l-attitudni offensiva, o meno, tad-diskors li nghad, jikkostitwixxu dawk il-konstatazzjonijiet u dik il-valutazzjoni rizervati lill-qorti ta’ prim’ istanza. Jekk allura jinstab li tali apprezzament hu sorrett minn motivazzjoni kongruwa u ezenti minn vizzji logici, dan huwa insindakabbli in sede appell. Inghad fid-decizjoni “**Sir Gerald Strickland -vs- Goffredo Critien *proprio et nomine***”, Appell Civili, 26 ta’ April 1929 illi “*il giudizio emesso dal tribunale di prima istanza circa la rilevanza o meno delle prove sottomesse a sostegno delle domande o delle eccezioni è di regola, meno in casi eccezionali, incensurabile in Appello rientrando esso nei poteri discrezionali accordati a ciascun tribunale; salva, beninteso, la facolta` della Corte di Appello, se adita sul merito, di pronunciarsi diversamente sulla produzione delle prove, ammettendo come rilevanti quelle dalla prima Corte respinte o viceversa.*” Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti tezamina l-atti processwali biex tara, jekk l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti kienx sew bazat jew, invece, kellhomx il-provi prodotti, fuq il-konvinciment morali taghha, iwasslu ghall-konkluzjoni diversa minn dik ta’ l-ewwel tribunal;

L-attur jippretendi li l-kliem maghdud mill-konvenut, allura Kap tal-Partit Nazzjonalista, waqt dibattitu mal-Kap ta' l-Opposizzjoni fuq l-istazzjon tar-radio tal-RTK u l-PBS, l-istess konvenut wera l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu fil-Partit Laburista u ma' l-elettorat in generali billi attribwielu l-fatt falz li hu, dak iz-zmien, kien qed jitradixxi l-politika dikjarata tal-Partit tieghu dwar shubija shiha fl-Unjoni Ewropeja. Huwa jzid jaggungi illi filwaqt li l-konvenut semmieh b' ismu, lill-ohrajn, li wkoll skond il-konvenut ma kienux jaqblu mal-Kap ta' l-Opposizzjoni fuq is-shubija, ghazel li ma jispecifikahomx, u dan biex ma jtellfilhomx ic-cans li jitilghu fl-Elezzjoni li kienet imminenti. Huwa jsostni li l-fatt li gie singolat kien mahsub biex issir hsara personali lilu. Il-konvenut jirribatti b' difiza li dak li ntqal minnu waqt id-dibattitu jammonta ghall-*fair comment*;

L-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba ta' l-attur appellant principalment ghaliex irriteniet illi diskors il-konvenut irid jigi nkwadrat, u mizurat ukoll, l-ewwelnett fil-kritika li politikant ghandu jissaporti fil-hajja politika tieghu. Fuq din il-premessa dik il-Qorti, b' riflessjoni, argomentat illi bhal speci mhijiex xi haga inawdita li membru ta' partit ma jkunx jaqbel ma' xi *policies* ta' l-istess partit, pero` b' daqshekk ma jfisserx li ma jkunx sejjer isegwihom jew min kien kontra dik il-politika m' ghandux dritt illi mqar privatament jesprimi l-opposizzjoni tieghu. Konsegwentement, ikkonkludiet li l-kummenti maghmula mill-konvenut ma kienux jeccedu l-limiti ta' tolleranza li politikant ghandu jissubixxi u ghalhekk ma kienx jidher li d-diskors denuncjat kien libelluz fil-konfront ta' l-attur;

Ma jista' qatt ikun dubitat, anke ghaliex dan hu ormai gurisprudenzjalment pacifiku, illi, "illum ir-regola hija illi min qieghed jokkupa kariga politika u ghandu funzjoni pubblika f' demokrazija huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa ta' l-operat tieghu" - "**Onorevoli Dr. Philip Muscat -vs- Victor Camilleri *et***", Appell, 19 ta' Mejju

1995. Ir-ragonament wara din l-affermazzjoni hu bazat l-aktar fuq il-precetti tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja. Ara sentenza fl-ismijiet "**Perit Duminku Mintoff -vs- Dr. Joe Brincat *et***", Appell, 8 ta' Jannar 2001;

Minn ezami tad-decizjonijiet ta' l-imghoddi fuq din it-tematika, l-enuncjazzjoni appena riportata ma hijiex xi "*noviter deductus*" ghall-Qrati taghna, anke jekk f' dawk iz-zmenijiet il-Konvenzjoni msemmija ma kienetx parti mill-korp tal-ligijiet ta' pajjizna. B' ezemplari tista' tigi citata s-sentenza fl-ismijiet "**Onor. Gerald Lord Strickland -vs- Avv. Dottor Enrico Mizzi**", Appell Civili, 25 ta' April 1938. Gja qabel din, pero`, fid-decizjoni "**Sir Gerald Strickland -vs- Prof. Rev. Dun Enrico Dandria**", Qorti Civili, Prim' Awla, 9 ta' April 1923, kien gie statwit dan in omagg ghall-principji tal-liberta` ta' l-istampa:-

"*Che può 'a priori' ritenersi avere minore gravezza le contumelie di cui talvolta si infarciscono le pubblicazioni giornalistiche di cui si alimenta la vita pubblica del nostro, come d' ogni altro paese, appunto per la grande latitudine che suolsi accordare alla stampa come efficace mezzo di sindacato dell' agire dei pubblici funzionari e degli eletti del popolo a rappresentarlo nella pubblica cosa, e per l' intento che si prefigge lo scrittore al pubblico bene. In vista di tale sua funzione la stampa ha meritato il titolo di palladio delle liberta cittadine, e fu proclamata il quarto potere dello stato …"*

Taht certu aspett verament minn dan is-sunt jista' jinghad li ma hemm xejn gdid taht il-kappa tax-xemx;

Is-suespost huwa in sintonija ma' dak li jinghad mill-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Edition, pagna 734), u cjoe, "*one who undertakes to fill a public office offers himself to public attack and criticism, and it is now admitted and recognised that the public interest requires that a man's public conduct shall be open to the most searching criticism*".

Dan premess ma jfisserx li b' danakollu tezisti xi licenzja biex wiehed jghid li jrid di fronte ghall-persuna f' kariga pubblika. Hekk filwaqt li hu rikonoxxut, "li min ikun fil-politika ma ghandux ikun '*thin skinned*', dan, imma, ma jista' qatt ifisser li min ikun fil-politika ghandu jigi malafamat impunement" ("**Il-Pulizija -vs- Nestu Laiviera**", Appell Kriminali, 10 ta' Ottubru 1953). Kif bosta drabi ripetut f' decizjonijiet ta' dawn l-ahhar snin "madankollu f' dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita` billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjoni bejn il-liberta` ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f' socjeta` demokratika jithalla spazju sufficcjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f' socjeta` demokratika ghandha kull dritt tgawdi" - "**Dr. Joseph M. Fenech -vs- Lawrence Cauchi *et***", Appell, 16 ta' Jannar 2002; "**Onor. Alfred Micallef -vs- Victor Camilleri**", Appell, 31 ta' Mejju 2002;

Minn dan kollu jsegwi illi, filwaqt li hu accettat illi fil-konfront ta' l-unur u l-istima li persuna tgawdi f' socjeta` jikkontrapponu ruhhom il-liberta` ta' opinjoni u l-manifestazzjoni tal-hsieb, dawn dejjem pero` jridu jigu ezercitati taht kundizzjonijiet precizi. Dan fis-sens illi dik l-istess liberta` ta' l-espressjoni trid tkun akkompanjata mill-utilita` ta' l-informazzjoni, il-verita` tal-fatt divulgat, il-forma civili ta' l-espressjoni u tal-valutazzjoni tal-fatt, bl-eskluzjoni ta' kull intent denigratorju, jew mahsub biex johloq hsara u gudizzju ta' dizvalur;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti trid tiddeciedi qabel xejn jekk dak li ntqal fid-dibattitu mill-konvenut huwiex libelluz, u jekk jinstab li dan hu hekk libelluz, jekk id-difiza tal-"*fair comment*" hijiex sostenuta. Fir-ricerka ta' x' inhu libelluz jidher li hu pacifiku li jinzammu in mira dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Id-diskors jew kitba denunzjati "ghandhom jittiehdu fil-kumpless taghhom, billi jithares l-effett generali kollu fuq il-qarrej" - "**Il-Pulizija -vs- John Scerri**", Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1946;

2. L-interpretu hu legittimat li jirrikostruwixxi dawk l-aspetti idonei li jaghtu garanzija lill-projezzjoni tal-persuna attakkata fir-realta socjali, kemm bhala singolu, kif ukoll fil-formazzjoni socio-politiku li taghha hu komponent. Dan anke ghaliex fl-estimazzjoni ta' l-opinjoni pubblika d-dritt ghall-immagini, ghall-isem, ghall-unur jew ghar-reputazzjoni jidhol certament fl-ambitu ta' dawk id-drittijiet invjolabbli tal-persuna u ghalhekk jikkwalifika ghat-tutela Kostituzzjonali u Konvenzjonali;

Din il-Qorti tahseb illi d-diskors tal-konvenut, kif johrog mit-traskrizzjoni (fol. 17), moqri jew mismugh minn nies ragonevoli u ordinarji, jekk tabilhaqq ifisser dak li jikkontendi l-appellant, allura ma jistax jinghad li dak l-istess diskors kien wiehed "*fair*" fil-konfront tieghu;

L-ilment ta' l-appellant hu bbazat fuq dan ir-ragonament. Id-diskors li ntqal ifisser ghas-semmiegh ordinarju illi hu kien kontra l-politika affermata tal-partit tieghu dwar is-shubija fl-Unjoni Ewropeja u gjaladarba dan ma kienx veru, u l-fatt ma giex sostanzjalment ippruvat, l-attribuzzjoni lilu ta' dan il-fatt jikkostitwixxi dik il-malafama li tpingih ikrah mal-partitarji u mal-pubbliku in generali. B' mod specjali, imbaghad, f'dak il-mument storiku vicin l-Elezzjoni Generali. Dan, *multo magis*, meta fil-Partit Laburista huwa kien wiehed mill-kelliema fuq l-affarijiet barranin;

Wara li rriflettiet bosta din il-Qorti thoss li dan l-ilment hu wiehed fondat. Ghas-semmiegh ordinarju l-impressjoni li tinghata hi, fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, dak li jsostni l-appellant. Fil-kuntest shih tad-diskors, maghdud ukoll il-fatt tan-nuqqas ta' menzjoni mill-konvenut ta' l-ismijiet ta' kandidati ohra fl-istess Partit biex ma ssirilhomx hsara, id-

diskors tal-konvenut kellu necessarjament iwassal ghall-interpretazzjoni illi l-attur, *qua* kandidat u membru tal-grupp parlamentari laburista, kien effettivament kontra l-politika dikjarata tal-*leader* tieghu u tal-Partit Laburista, kif formulata fl-2003. Dan kien il-messagg li l-konvenut ried iwassal lis-semmiegha. Messag dan b' kontenut dirett kontra l-attur u allura kien jispetta li l-konvenut jipprova l-fatt allegat, "mhux lanqas fejn il-persuna li lejha tkun diretta tkun persuna pubblika u aktar u aktar fejn, bhal fil-kaz in ezami, tkun qed tistieden il-fiducja ta' l-elettorat fl-elezzjonijiet generali" - "**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 27 ta' April 2001. Anke jekk mhux precizament bi kliem identici fl-istess sfond ta' hsieb huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Onor. Seg. Parlamentari Joe Fenech -vs- Evarist Bartolo**", Appell, 8 ta' Gunju 1999 u "**L-Onor. Dr. Gavin Gulia -vs- David Agius *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 27 ta' Settembru 2002, konfermata in sede Appell fit-12 ta' Lulju 2005;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-kuncett tal-"*fair comment*", l-unika difiza oppunjata mill-konvenut. Hu konkordament assodat illi "biex tirnexxi l-eccezzjoni tal-'*fair comment'* jehtieg illi l-iskrittur ikun ikkommenta u hareg konkluzjonijiet minn fatti minnu esposti li jkunu veri u kompleti, b' mod li l-qarrej ikun f' konjizzjoni kompleta tac-cirkostanzi li minnhom ikun gie dedott il-kumment jew l-opinjoni ta' min jikteb, biex hekk il-qarrej ikun f' posizzjoni li jaqbel jew le mad-deduzzjoni li ghamel l-iskrittur a karigu ta' hadd iehor. Meta n-narrazzjoni tal-fatti ma tkunx vera, jew tkun inkompleta f' parti rilevanti ghall-kumment, l-istess kumment isir allegazzjoni ta' fatt, li, jekk ma jigix pruvat, meta dan ikun permess, jibqa' a karigu ta' min ghamlu" - "**Dr. Henry Copperstone *et nomine* -vs- Publio Schembri**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961;

Fi kliem iehor il-konvenut jehtieg li jipprova l-fatt tal-libell li dwarhom hu jkun qed jippretendi li ghamel kumment li hu "*fair*". "Jekk il-verita` tal-fatti ma tigix pruvata, lanqas biss hemm lok li tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-'*fair comment*'" - "**Captain Joseph E. Agius *nomine* -vs Joseph Attard Kingswell *et nomine***", Appell Kriminali, 7 ta' Mejju 1960;

"**Il-Pulizija -vs- Dr. Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Awissu 1958;

Dan ghal motiv illi, kif superjorment indikat, kumment isir biss allegazzjoni ta' fatt li, jekk ma jigix pruvat, jibqa' a karigu ta' min jaghmlu, **Kollez. Vol. XLV P IV p 923**;

Fil-kaz prezenti, anke minn dak li johrog mill-verbal tal-15 ta' Frar 2005 quddiem l-ewwel Qorti (fol. 30), il-konvenut, ghar-raguni hemm spjegata, baqa' ma ghamelx l-prova li l-attur, quddiem in-nies fil-pubbliku, kien qal li hu favur li Malta tidhol fl-Ewropa. Jekk din il-prova ma saretx l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta assumietha u ddeterminat il-veracita` taghha billi astrattament arguwiet dwarha b' supposizzjonijiet li ma jsibu ebda riskontru konkret fir-rizultanzi istruttorji u probatorji tal-kawza. Fil-hsieb tal-Qorti meta l-konvenut ma jiskarikax l-oneru tal-prova hekk inkombenti fuqu, il-kumment ma jista' qatt jitqies gustifikativ u "*bona fide*", u allura, fallita din id-difiza, hu obbligat li jwiegeb ghar-rizarciment tad-danni;

Din il-Qorti ma taqbelx illi l-argoment sottomess mill-konvenut fit-twegiba tieghu ghall-appell interpost, fis-sens illi llum il-kontroversja hi sorpassata billi hemm qbil unitarju bejn il-partiti politici fuq il-kwestjoni ta' post Malta fl-Ewropa, jista' jservi ta' xi skriminanti. Dan il-fatt ma jistax *a posteriori* jservi biex, ghall-mument storiku li nghad id-diskors, ikun sostitut ta' dik il-prova tal-veracita` oggettiva tal-kumment. Jista', tutt' al più, jghodd bhala attenwanti ghall-iskop tal-likwidazzjoni tad-danni. Materja din li jinhass opportun li tigi rimessa lill-ewwel Qorti ghal konsiderazzjoni ghaqlija taghha, b' dan li qed jigu senjalati lilha bhala gwida ispiratrici l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjonijiet "**Nazzareno *sive* Reno Galea -vs- Joseph E. Storace *nomine***", 14 ta' Dicembru 1965, per Imhallef Maurice Caruana Curran u "**Carmel Tonna *et* -vs- Felix Agius *et***", 23 ta' Marzu 1993 per Imhallef Joseph Said Pullicino.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa’ l-istess u b’ hekk tilqa’ wkoll l-imputazzjoni kwerelata minnu fl-avviz promotur, di fronte ghall-konvenut. In vista ta’ dak li nghad hawn fuq u biex ma jintilefx id-dritt tad-*doppio esame*, l-atti processwali qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-iskop tal-likwidazzjoni tad-danni. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------